MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 148/2006

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**JOSEPH MEILAQ**

**KUMP NRU 148/2006**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, JOSEPH MEILAQ** ta' 23 sena iben Raymond u Ilene nee' Cachia, imwieled Pieta` fit-2 ta' Gunju 1982 u li joqghod 'Bellizzi Estate' Flat 3, St. Aristarku Street, Bugibba detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 306782M**,** gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u cioe' fil-perjodu ta' bejn 1 ta'Dicembru 2005 u il-31 ta' Jannar 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom televizjoni tal-marka Seleco mudell L205 minn gol-fond 'Liliana Flats' flat 3A Triq Gulju, Bugibba, ghad-detriment ta' Francis Fenech detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 258051(M);

2. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm500 bi hsara tal-istess Francis Fenech. (Dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt jew bieghhejt jew mexxejthom. (Dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Approprajt ruhek minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilek ghat-titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` hadt diversi oggetti fosthom televizjoni tal-marka Seleco mudell L205 minn gol-fond 'Liliana Flats' Flat 3A Triq Gulju, Bugibba, li jammontaw ghal iktar minn Lm100 u inqas minn Lm500, liema oggetti jappartjenu lill-istess Francis Fenech detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 258051(M). (Dan bi ksur tal-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Illi b'hekk Joseph Meilaq sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-21 ta' Mejju 2002, 28 ta' Ottubru 2002 u fid-9 ta' Gunju 2005;

6. B'hekk int Joseph Meilaq, ksirt il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 meta kkommettejt reat iehor wara li naghtajt sentenza fejn gejt illiberat taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) fid-9 ta' Gunju 2005.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-15 ta` Frar 2006 li jinsab *a folio* 2 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum 13 ta` Mejju 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu fil-paragrafi numri (4), (5) u (6) u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Qieset dak ivverbalizzat mill-prosekuzzjoni fl-udjenza ta` llum stess fejn il-prosekuzzjoni ma kienetx qed tinsisti fuq l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (1), (2) u (3) u dana peress illi dawn l-imputazzjonijiet inghataw bhala alternattivi ghall-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu numru (4);

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni kif fuq indikat, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti u l-provi kollha mressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu fil-paragrafi numru (4), (5) u (6) gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi kellha ragun il-prosekuzzjoni tiddikjara fl-udjenza ta` llum stess illi ma kienetx qed tinsisti fuq l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (1), (2) u (3) u dana peress illi effettivament, minn ezami tar-rizultanzi processwali, dawn l-imputazzjonijiet ma kienux jirrizultaw mill-korp tal-provi mressqa.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 31, 49, 50, u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi **ssib u tiddikjara lill-imputat Joseph Meilaq mhux hati ta` l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi numru (1), (2) u (3) u minnhom tilliberah skond il-ligi; hati skond l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi numru (4), (5) u (6) u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija komplessiva ta` disa (9) xhur.**

**In oltre, in vista tat-trapass taz-zmien li ha dan il-process u peress li l-Qorti hi tal-fehema li jkun gust li hekk isir, qed tordna li l-piena ta` tmintax-il xahar (18) prigunerija (moghtija bis-sentenza tad-9 ta` Gunju 2005 – ara folio 37 ta` l-atti) tigi sospiza ghal perjodu ta` sentejn b'effett mill-llum u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 28B(2)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------